MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 126/2008

**Theresa Attard**

**Vs**

**Valerie Meilak u Atlas Insurance PCC Limited**

Permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghda titlob dikjarazzjoni li l-konvenuta hi responsabbli ghad-danni li sofriet f'incident tat-traffiku li sehh fit-12 ta' Settembru 2006 fi Triq ir-Rabat, limiti Nadur u hlas ta' danni. L-attrici ppremettiet li b'rizultat tal-griehi li garrbet fl-incident tat-traffiku qeghda tbati minn debilita' permanenti

Il-konvenuti wiegbu li (fol. 11):-

1. Il-konvenuta Valerie Meilak hi estraneja ghal kwistjoni ghaliex it-tort ghall-incident kien gie accettat mis-socjeta assiguratrici Atlas Insurance PCC Limited.

2. Id-dizabilita permanenti li sofriet l-attrici hi kontestata.
3. Id-danni li qeghda tippretendi l-attrici huma ezagerati.

Ikkunsidrat:-

1. Fl-ewwel lok jigi rilevat li fl-okkju tal-kawza hemm zball in kwantu l-konvenuta harrket bhala wahda mill-konvenuti lil Atlas Insurance Agency Limited meta jirrizulta li l-isem tal-kumpannija hu Atlas Insurance PCC Limited. Il-qorti qeghda ghalhekk tordna korrezzjoni f'dan is-sens.

2. Il-kawza tittratta talba ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni li l-attrici ssostni li sofriet wara li kienet involuta f'incident tat-traffiku li sehh fit-12 ta' Settembru 2006 fi Triq ir-Rabat, limiti Nadur, Ghawdex.

M'hemmx kontestazzjoni dwar ir-responsabbilta'. Tant hu hekk li permezz tal-ewwel eccezzjoni gie dikjarat:-

*"illi f'dak illi jirrigwarda l-intimata Valerie Borg, din hija ormai estraneja ghat-tilwima mertu ta' din il-kawza u dana stante illi tort ghall-incident in kwistjoni diga' gie accettat gan-nom taghha mis-socjeta intimata Atlas Insurance PCC Limited bhala s-socjeta assikuratrici taghha, u kwindi giet imharrka f'din l-kawza inutilment u m'ghandiex ghalhekk tigi kkundannata illi thallas l-ispejjez ghal din il-kawza."* (fol. 11).

Id-dizgwid hu dwar il-hlas li ghandha tircievi l-attrici. Mill-provi ma rrizultax il-hlas li qeghda tippretendi l-attrici u l-hlas propost mill-kumpannija assiguratrici.

Hu fatt li gialadarba l-attrici ghazlet li tharrek lill-kumpannija assiguratrici li kienet tkopri l-vettura misjuqa Valerie Meilak, ma kienx hemm htiega li tfittex ukoll li tharrek lix-xufier li kienet qeghda ssuq il-vettura l-ohra. Bl-emendi li saru fl-2002 fil-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, id-danneggat inghata d-dritt ta' azzjoni diretta kontra l-assiguratur awtorizzat f'Malta jew ir-rapprezentant f'Malta

ta' l-impriza tal-assigurazzjoni li tkun harget il-polza ta' assigurazzjoni.

3. Fil-qosor il-fatti rilevanti huma s-segwenti:-

a. L-attrici twieldet fil-15 ta' Novembru 1945.
b. L-incident tat-traffiku sehh fit-12 ta' Settembru 2006 fi Triq ir-Rabat, limiti tan-Nadur, xahrejn qabel l-attrici ghalqet 61 sena.
c. Meta sehh l-incident il-vettura misjuqa mill-konvenuta kienet assigurata ma' Atlas Insurance PCC Limited.
d. L-attrici kienet tahdem bhala *community nurse* mal-MMDNA.
e. Fid-data tal-incident l-attrici kienet diga' rtirat mix-xoghol bil-pensjoni. L-attrici spjegat: *"Spiccajt mix-xoghol meta ghalaqt sittin (60) sena. Jiena hassejt illi kelli nistrieh. Kont ili disgha u ghoxrin (29) sena nahdem u kien wasal iz-zmien li nistrieh."* (fol. 87).
f. Id-dhul tal-attrici hu ta' €850 kull 4 gimghat.

4. F'din il-kawza l-qorti nnominat periti medici sabiex wara li jezaminaw lill-attrici, jirrelataw dwar id-debilita' permanenti li qeghda ssofri minnha:-

**Mr Charles Grixti** - *"Theresa Attard sofriet ticrita fl-irkoppa tax-xellug u ksur fit-tieni rukell cervikali kagun ta' l-accident li kella fit-12 ta' Settembru 2006. Ghalkemm il-ksur tar-rukell cervikali ghaqad Attard baqght b'limitazzjoni fil-muviment ta' ghonqa izda bl-ebda residwu newrologiku.*

*Theresa Attard trid tevita sitwazzjonijiet fejn ikollha tbaxxi rasha l'isfel ghal hin twil jew tixxabbat ghall-affarijiet jew thares il fuq jew lagenba.*

*Dawn jillimitaw l-attivitajiet ta' kuljum bhal meta taqra jew thit jew tqaxxar jew inkella meta taghmel ix-xoghol tad-dar. Minhabba dan jiena nista' d-dizabilta permannti li qed isofri Theresa Attard kagun ta' l-accident li kellha fit-12 ta Settembru 2006 ta' 15%."* (fol 43).

**<u>Dr Albert Bezzina</u>** – jirrizulta li l-attrici qeghda ssofri minn *double vision* (diplopa) f'ghajnejha l-leminija; *"The diplopia was specifically documented clinically within 48 hours from the traffic incident and was likely to have developed immediately after the incident or soon after."* (fol. 55-56). Il-perit mediku rrelata li l-attrici qeghda ssofri minn debilita' permanenti ta' 10%, wara li rrefera ghal *Ontario Rating Schedule*. Din hi skeda li tintuza mill-Workplace Safety and Insurance Board ta' Ontario, Kanada fil-kaz ta' hlas ta' beneficcji lil min ikun korra f'incidenti li jigru fil-post tax-xoghol.

Permezz ta' rapport li gie prezentat fl-14 ta' Settembru 2009, bl-assistenza ta' l-avukat Dr Paul Cachia, il-perit medici rrelataw li l-*weighted average* ta' dizabilta' permanenti li qeghda ssofri minnha l-attrici hi ta' **ghoxrin fil-mija (20%)**[1].

5. Fir-rigward tad-*damnum emergens*, m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet. Dawn jirreferu ghall-spejjez li ghamlet l-attrici relatati ma' sessjonijiet ta' fizjoterapija li attendiet ghalihom fil-perjodu bejn Dicembru 2006 u 2009. L-attrici qeghda tippretendi l-hlas ta' elfejn mija u tlieta u hamsin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€2,153.42), u pprezentat kopja tar-ricevuti ta' hlas.

6. Il-kontestazzjoni hi dwar il-*lucrum cessans*. Skond l-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili d-danneggat ghandu l-jedd jitlob: *"..... t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba* ***inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.****"*.

M'hemmx dubju li l-incident tat-traffiku kellu mpatt negattiv fuq il-il-possibilta' li fil-futur taghmel xoghol bi qliegh fil-professjoni ta' nurse. Mill-provi rrizulta kif:-

(a) Qabel l-incident l-attrici kienet mara f'sahhitha.

---

[1] Fol. 72.

(b) Wara li sehh l-incident l-attrici ma baqghetx issuq[2] u l-griehi li sofriet kellhom ukoll impatt negattiv fil-hajja ta' kuljum u bdiet tiddependi minn ghajnuna ta' familjari taghha fir-rigward ta' certu xoghol li jsir fid-dar.
(c) L-attrici kellha l-hsieb li terga' tibda taghmel xoghol mal-MMDNA. Ikkonfermat li kellha offerta biex tibda tahdem part-time mal-MMDNA u offerta ohra mill-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem (fol. 76), izda n-natura tax-xoghol taghha jitlob li ssuq il-vettura. Il-griehi li garrbet ma jippermettulix li terga' tibda taghmel dan it-tip ta' xoghol. Ix-xoghol ta' nurse jinvolvi wkoll strapazz u mir-rapport tal-perit mediku Charles Grixti l-qorti qeghda tifhem li l-griehi li sofriet huma ta' ostakolu ghaliha biex terga' tibda taghmel dan it-tip ta' xoghol; *"Theresa Attard trid tevita sitwazzjonijiet fejn ikollha tbaxxi rasha l'isfel ghal hin twil jew tixxabba ghall-affarijiet jew thares il fuq jew lagenba."* (fol. 43). Il-qorti m'ghandix dubju li f'dan ir-rigward l-attrici sofriet hsara. Il-fatt li persuna tilhaq l-eta tal-pensjoni ma jfissirx li m'ghandix dritt li titlob hlas ta' kumpens. Huma hafna dawk in-nies li ghalkemm jilhqu l-eta tal-pensjoni jibqghu attivi fid-dinja tax-xoghol.

Fil-kawza fl-ismijiet **Guzeppi Grech et vs Emanuel Sultana et** deciza fl-24 ta' Gunju 2008 din il-qorti kif presjeduta diga' kellha l-opportunita' li tikkunsidra kaz fejn id-danneggat kien pensjonant, bid-differenza li d-danneggat kellu eta' 'l fuq minn 70 sena u ma kienx hemm possibilta' li jerga' jibda jahdem. F'dik il-kawza saret riferenza ghal diversi sentenzi tal-qrati lokali li kienu jitrattaw persuni li kienu lehqu l-eta' tal-pensjoni[3], u l-qorti illikwidat *arbitrio boni viri* somma flus bhala danni dovuti lid-danneggat. Mill-provi jirrizulta li l-incident in kwistjoni kellu mpatt negattiv fuq il-hajja ta' kuljum tal-attrici. Ir-realta' hi li jekk wiehed kellu japplika b'mod litterali dak li tipprovdi l-ligi, f'hafna mill-kazijiet ma jkunx dovut kumpens ghaliex il-griehi ma jkunux tali li jwasslu sabiex persuna ssofri telf pekunjarju. Pero mill-gurisprudenza

---

[2] Dr Albert Bezzina rrelata li: *"Mrs Attard has not been driving since the incident and is to be expected as the perception of double vision would interfere with safe driving."* (fol. 56).

[3] Fil-fatt in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici hi, tista' tghid, riproduzzjoni ta' dak li nghad fl-imsemmija sentenza.

johrog bic-car il-hsieb li f'kaz ta' dizabilita permanenti kumpens ghandu jithallas irrispettivament jekk dan ikunx wassal ghal telf pekunjarju. Ghalkemm fir-realta' certu hsarat personali ma jwasslux ghal telf pekunjarju, li tichad it-talba jkun ifisser li certu tortijiet jibqghu mhux kumpensati. Fil-kawza **Susan Davies vs Anthony Galea** deciza fl-10 ta' Ottubru 1997 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[4] gie osservat: ***"Fl-izvilupp prezenti pero' tal-gurisprudenza taghna huwa forsi necessarju li l bzonn ta' certezza u nuqqas ta' ambigwita' jimponu teorija li tesigi li kull tip ta' dizabilita' permanenti twassal ghal telf futur fil-proporzjon tal-persentagg taghha."***

7. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li f'dan il-kaz partikolari hemm lok li tigi applikata l-formola stabbilita mejqus li m'hemmx taghrif x'kien ikun id-dhul tal-attrici fl-eventwalita' li terga tibda tahdem u n-numru ta' sighat li kienet ser tahdem. Il-qorti wara li qieset ukoll in-natura tal-griehi li sofriet l-attrici, ser tipprocedi sabiex *arbirtio boni viri* tillikwida s-somma ta' disat elef ewro (€9,000), ma' liema somma trid tizdied is-somma ta' elfejn mija u tlieta u hamsin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€2,153.42), b'total ta' **hdax il-elf mija u tlieta u hamsin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€11,153.42)**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:**

**1. Tiddikjara li gialadarba hemm accettazzjoni li l-konvenuta Valerie Meilak kienet unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fi Triq ir-Rabat, limiti Nadur fit-12 ta' Settembru 2006, il-kumpannija assiguratrici Atlas Insurance PCC Limited ghandha taghmel tajjeb ghad-danni li sofriet l-attrici.**

---

[4] Imhallef Noel Arrigo.

**2. Tillikwida d-danni fis-somma ta' hdax il-elf mija u tlieta u hamsin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€11,153.42)**.

**3. Tikkundanna lil Atlas Insurance PCC Limited thallas is-somma ta' hdax il-elf mija u tlieta u hamsin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€11,153.42)**.

**Spejjez a karigu tal-kumpannija assiguratrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------